MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 54/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**George Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra George Vella talli b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda:

(1) Fil-15 ta' Dicembru 2006 ghall-habta ta' l-10.00 a.m. flimkien ma' persuna ohra mhux maghrufa mill-fond 145 Xatt is-Sajjieda M' Xlokk, ikkommetta serq ta' flus kontanti ghad-dannu ta' Marianna Scicluna anzjana ta' disgha u tmenin sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-

mezz bil-lok u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1000);

(2) Fl-istess data u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm, jew issekwestra lil Marianna Scicluna kontra l-volonta’ taghha;

(3) Fl-istess data u cirkostanzi, uza vjolenza sabiex igieghel lill-imsemmija Marianna Scicluna taghmel, thalli jsir, jew tonqos milli taghmel xi haga;

(4) Fl-istess data u cirkostanzi, f’dawn il-Gzejjer kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu sikkina bix-xafra u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

(5) Fit-8 ta’ Jannar 2007 f’ xi hin matul il-lejl, mill-fond 4 Triq it-Tlett Ibliet, Bormla, ikkommetta serq ta’ deheb u oggetti ohra ghad-dannu ta’ Dolores Buhagiar, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1000), bil-hin u bil-lok;

(6) Fl-istess data u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, ghad-dannu tal-istess Dolores Buhagiar liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri Maltin (Lm10) izda ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin (Lm50);

(7) Fil-5 ta’ Jannar 2007 ghall-habta tat-8.30 .a.m, mill-fond 7 Triq il-Fortini ta’ Felic, Bormla, ikkometta serq ta’ diversi oggetti ghad-dannu ta’ Grace Fenech, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1,000) u bil-lok.

(8) Fl-istess data u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, ghad-dannu ta’ Grace Fenech liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri Maltin (Lm10) izda ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin (Lm50).

(9) F’xi hin matul il-lejl ta’ bejn it-2 u t-3 ta’ Settembru 2004, mill-fond 12 Triq l-Arcisqof, Valletta, ikkometta serq

ta’ flus kontanti u oggetti ohra ghad-dannu ta’ Mons. Philip Calleja, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin, bil-hin u bil-lok;

(10) Fl-istess data u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, ghad-dannu ta’ l-istess Mons. Philip Calleja liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri Maltin (Lm10) izda ma tiskorrix il-hamsin lira maltin (Lm50);

(11) Fit-3 ta’ Dicembru 2001 ghall-habta tas-1.30 p.m., mill-hanut bl-isem ‘Victor Galea Haberdashery’ sitwat fi Triq San Gwann, Valletta, ikkommetta serq ta’ flus kontanti ghad-dannu ta’ Eric Galea, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1000);
(12) Fl-istess data u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli, ghad-dannu ta’ l-istess Eric Galea liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri Maltin (Lm10) izda ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin (Lm50);

(13) Fil-11 ta’ Lulju 2002 fi Triq San Pawl, Valletta kkommetta serq ta’ diversi grosos tas-sigaretti minn vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru ta’ registrazzjoni CAO-861 ghad-dannu ta’ Carmelo Attard, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1,000) u bix-xorta tal-haga misruqa;

(14) Fl-istess dati u cirkostanzi, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

(15) Fl-istess data u cirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet li gew imposti fuqu b’sentenza datata 22 ta’ Mejju 2006 moghtija mill-Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D.;

(16) Sar recidiv ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-14 ta’ Frar 2008, li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni ta’ l-imsemmi George Vella, sabitu hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u, wara li rat l-artikoli 18, 86, 251(1), 261, 262, 263, 267, 269, 270, 271, 275, 325, 334, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 6 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatu ghal erba’ (4) snin prigunerija;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi George Vella pprezentat fis-26 ta’ Frar 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn sabitu hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, tvarja l-piena inflitta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda ta’ Vicky Scicluna mill-Agenzija SEDQA;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan huwa appell mill-piena li l-appellant iqis eccessiva. Jirreferi l-ewwelnett ghall-fatt li rregistra amissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, tant li ma nstema’ l-ebda xhud u b’hekk ma ntilifx zmien fil-process gudizzjarju. L-appellant josserva li filwaqt li l-ewwel Qorti sahqet fuq l-aspett retributtiv u deterrent tal-piena, ma tatx l-importanza misthoqqha lill-aspett riformattiv. Jghid li l-kuncett ta’ *crime does not pay* m’ghadux applikabbli fiz-zminijiet tallum. Isostni li piena karcerarja aktarx tkun kontro-produttiva fic-cirkostanzi, l-aktar fid-dawl tal-fatt li huwa jixtieq jinghata l-opportunita` li jibda hajtu mill-gdid billi jahdem, jitbieghed mill-vizzju tad-droga u l-kumpanija hazina u inoltre tilef kwazi ghal kollox id-dawl ta’ ghajn wahda u ghandu bzonn jigi sottopost ghal intervent mediku sabiex issirlu ghajn tal-hgieg.

Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabbilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. Barra minn hekk ammissjoni bikrija mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena.

Il-piena applikabbli ghall-ewwel reat addebitat lill-appellant u konsistenti fir-reat ta' serq ikkwalifikat li sar flimkien mas-sekwestru tal-persuna fuq persuna anzjana ta' 'il fuq minn sittin sena (mill-atti tal-process verbal jirrizulta li d-derubata kellha 88 sena) hi dik ta' prigunerija ghal zmien minn sena sa erba' snin (art. 275 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) mizjuda bi grad jew tnejn proprju peress illi dan is-serq ikkwalifikat bil-vjolenza sar fuq persuna anzjana kif inghad (art. 276A tal-Kap. 9) u mizjuda bi grad jew tnejn ghax akkumpanjat ukoll mill-kwalifika tal-mezz (art. 277(b) tal-Kap. 9). Dan ifisser li l-piena ghall-ewwel imputazzjoni tista' titla' b'zewg gradi ghal prigunerija ghal zmien minn tmintax-il xahar sa sitt snin jew sahansitra b'erba' gradi ghal prigunerija ghal zmien minn tliet snin sa tnax-il sena. Irid jitqies ukoll illi l-appellant gie akkuzat b'hames serqiet ohra (difatti l-prosekuzzjoni attribwietlu l-beneficcju ta' l-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-piena tista' tizdied minn grad sa zewg gradi), li fir-rigward ta' l-ewwel reat gie akkuzat ukoll li kellu fuqu sikkina minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija (fejn il-piena hi multa ta' mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) skond l-artikolu 51(7) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta), li fir-rigward tal-ksur ta' l-ordni ta' probation maghmul skond is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta' Mejju 2006 dwar ir-reat ta' pussess mhux awtorizzat tad-droga

eroina l-piena hi dik ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tliet xhur izda mhux izjed minn tnax-il xahar jew multa ta' mhux inqas minn erba' mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (465.87) izda mhux izjed minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) jew dik il-prigunerija u multa flimkien, u li gie akkuzat ukoll li hu recidiv li jfisser li l-piena tista' tizdied bi grad.

Ghalhekk il-piena nflitta mill-ewwel Qorti, thares minn fejn thares lejha, tidher li hija wahda minima. Konsegwentement il-konsiderazzjonijiet l-ohra li ghamel l-appellant fir-rikors ta' appell tieghu huma pjuttost superfluwi, anke ghax l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni dak kollu rilevanti meta giet biex tiddeciedi dwar il-piena. Naturalment huwa sinjal pozittiv li l-appellant jixtieq idawwar ir-rotta u jibda hajja gdida. Huwa pozittiv ukoll li, bhalma xehdet Vicky Scicluna mill-Agenzija SEDQA, l-appellant qieghed imur id-DETOX u anke avvicinaha ghax jixtieq jibda hajja gdida. Izda mhux eskluz li, jekk verament l-appellant irid "jirkupra s-sitwazzjoni", jitlob dik l-ghajnuna u tinghatalu mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Kwantu ghall-intervent mediku li jehtieglu jaghmel, m'hemmx dubbju li dan ikun possibbli anke fiz-zmien li huwa jkun qieghed fl-istess Facilita` peress illi kull min ikun residenti f'dik il-Facilita` solitament jinghata kull kura medika li jkollu bzonn.

Fi kwalunkwe kaz din il-Qorti qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin li jipprovdi lill-appellant dik l-ghajnuna li huwa diga` beda jfittex minhabba l-vizzju tad-droga filwaqt li kemm-il darba l-appellant jehtieglu kura medika minhabba ghajnu, din ukoll tigi provduta bil-modalitajiet soliti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------